MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 406/2004

**Valcall Limited**

**vs**

**Abdurr Ahman Eshater u**
**Edam Publishing House Limited (C-3287).**

**Il-Qorti.**

Rat il-verbal tal-28 ta’ Gunju 2004;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw il-kontestazzjoni dwar il-validita’ tan-notifikat tal-konvenut Eshater.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-att tac-citazzjoni jirrizulta li l-kawza saret kontra zewg konvenuti cjoe Abdurr Ahman Eshater u Edam Publishing House Limited (C-3287). Jirrizulta mir-riferta a fol. 42 a tergo li l-konvenut Eshater gie notifikat billi thalliet kopja ta' l-att f'idejn Ikram Abdel Wodood, u Edam Publishing House giet notifikata billi wkoll thalliet kopja ghand Ikram Abdel Wodood.

Najmedem Busefi li jirrapprezenta lill-Edam Publishing House xehed li huma kienu accettaw iz-zewg notifiki izda semma wkoll lill-Abdurr Ahman Eshater ilu ma jarah hawn Malta dawn l-ahhar hames snin.

Illi fil-kaz ta' notifika ta' korp b'personalita' distinta, skond l-artikolu 187(4) tal-Kap 12, in-notifika ghandha ssir billi tithalla kopja ta' l-iskrittura (a) fl-ufficcju registrat jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni imsemmija fis-sub-artikolu (2) ta' l-Art 181(A) jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp jew (b) f'idejn xi hadd mill-persuni imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181A bil-mod kif provvdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Illi l-artikolu 181A(2) jipprovvdi dwar liema huma l-persuni li jirrapprezentaw lill korp u cjoe persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp; kull segretarju tal-kumpanija jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp.

Fil-kaz fejn ma hemmx korp involut, skond l-artikolu 187, in-notifika lill persuna issir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha. Fil-kaz ta' persuna assenti n-notifika ssir billi jigu appuntati kuraturi (art 187(6) u art. 929(d).

Fil-kaz in ezami n-notifika lill kumpanija Edam Publishing House Limited saret korrettament u Najmedem Busefi li

jirrapprezenta lill kumpanija accetta li n-ntofika saret sew u mhux qed jikkontestaha.

Invece hu qed jikkontesta n-notifika ta' Eshater billi hu ilu ma jarah hawn Malta dawn l-ahhar hames snin u dan ma kellux altar kuntatt mal-kumpanija konvenuta. Fic-citazzjoni jirrizulta li Eshater qed jigi mharrek f'ismu proprju u mhux bhala rapprezentat tal-kumpanija konvenuta, ghalhekk in-notifika  ma setghetx issir fl-indirizz tal-kumpanija  (ara art 187 (4) Kap 12) imma kellha issir skond l-artikolu 187(3) jew (6).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara li l-konvenut Abdurr Ahman Eshater ghadu mhux notifikat
u tiddifferixxi l-kawza ghan-notifika ta' l-istess Eshater.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------